MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 129/2003

It-Tribunal;

“Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut biex jghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundanat thallas l-ammont ta’ tlett mija u tmenin lira Maltin (Lm380) dovuti minnek lill-attur bhala hlas ghal xoghol ta’ mechanic illi huwa ghamel a beneficcju tieghek, u xoghlijiet jew infiq ohra relatati ghal tiswija fuq il-vettura tal-marka Peugeot 306, numru tar-registrazzjoni ALY 062, liema xogholijiet saru fuq struzzjonijiet tighek.

Bl-interessi fuq din is-somma b’effett mil-llum sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tal-31 ta’ Ottubru 2003.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti imsejjah.”

Ra r-risposta tal-konvenut li tghid hekk:

“1) Illi hija mankanti, xi relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut stante illi l-konvenut qatt ma’ ta’ xi struzzjonijiet lil attur biex issir din it-tiswija.

2) Illi fil-fatt kien Carmel Mercieca li ta’ dawn l-istruzzjonijiet.

3) Illi f’xi okkazjonijiet fejn l-konvenut tkellem ma’ l-attur, dan ghamlu ghan-nom ta’ Carmel Mercieca, u l-attur dejjem kien jaf b’dan.

4) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur irid jipprova l-ammont minnu pretiz, kif ukoll illi dak l-ammont huwa wiehed gust.

5) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Sema’ l-provi ta’ l-attur Victor Vella, Matthew Grima prodott mill-attur, Joanne Cauchi mart il-konvenut u l-konvenut Anthony Cauchi.

Il-konvenut kien involut f’incident awtomobilistiku huwa u jsuq vettura proprjeta’ ta’ Carmel Mercieca ma’ min kien qieghed jahdem dakinhar. Il-vettura ttiehdet ghand l-attur ghat-tiswija. Id-diverbju ewlieni bejn il-partijiet jikkonsisti filli filwaqt li l-attur isostni li nkarigah il-konvenut, il-konvenut isostni li ma kienx huwa li nkarikah, imma l-*employer* tieghu Carmel Mercieca. Mart il-konvenut inzertat tahdem regolarment mal-istess employer.

Skond id-deposizzjoni tal-attur (fol 16) kemm il-konvenut kif ukoll martu kienu kkonfermawlu dakinhar tal-incident li kienu sejrin ihallsu huma ghall-hsarat billi kien jidher li t-tort tal-habta kien attriwibbli lill-konvenut. L-attur dam madwar tlett ijiem jahdem fuq il-karozza u lestiha hmistax-il jum wara l-incident. Meta cempel lil mart il-konvenut din talbitu gimgha cans sabiex jidhol il-qorti u jara ta’ min kien it-tort bejn iz-zewg sewwieqa.

Mathew Grima, impjegat ma' Carmel Mercieca, fid-deposizzjoni tieghu ukoll ikkonferma li l-konvenut kien accetta li jhallas hu (fol 25 u 26).

Joanne Cauchi, mart il-konvenut, qalet li l-ftehim bejn il-konvenut u Mercieca (li ghalih pero' ma kinitx prezenti) kien li jhallas l-employer, mhux zewgha (fol 30 sa 36). Il-konvenut kontro-ezaminat cahad li sar ftehim bejnu u Mercieca li kien sejjer ihallas il-konvenut (fol 43).

Minn dawn il-verzjonijiet konfliggenti, dik tal-attur hija l-iktar wahda verosimili. L-attur m'ghandu l-ebda nteress ghajr li jigbor flusu u li ghal dan l-iskop iharrek lil min kien tabilhaqq inkarikah. Ix-xhieda tieghu hija kkorroborata minn Mathew Grima, xhud li ftit ghandu nteress jigdeb. Min-naha l-ohra, jemergi mill-provi inkluzi d-deposizzjonijiet tal-konvenut u ta' martu li (1) Mercieca qatt ma ried ihallas hu purke' l-vettura ma kinitx assikurata *comprehensive*. Din hija haga minn lewn id-dinja: huwa minnu li Mercieca inkarika lill-konvenut isuq il-vettura tieghu, imma b'daqshekk ma tahx *carte blanche* biex isuq b'manjiera negligenti. (2) li kien tabilhaqq il-konvenut li ordna t-tiswija tal-vettura ghand l-attur, izda ried jirbah iz-zmien sabiex sadanittant ikun hemm xi forma ta' decizjoni dwar min kien jahti ghall-incident (3) kien hemm tilwim bejn il-konvenut u martu min-naha u Mercieca min-naha l-ohra u ghalhekk dawk kellhom motiv iehor biex jippruvaw jisgiccaw milli jhallsu ghall-hsarat fil-vettura.

Ghalkemm il-*quantum* tat-tiswijiet u *parts* gew ikkontestati fir-risposta; il-provi li l-attur ressaq fir-rigward ma gewx ribattuti mill-konvenut.

Jirrizulta wkoll li kien hemm kumpannija assikuratrici li fil-mori ta' din il-kawza hallset tlett kwarti mis-sorte u wkoll tlett kwarti mill-ispejjez, u ghalhekk f'dan ir-rigward il-mertu jinstab esawrit.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, jilqa' t-talba attrici in parte billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-

somma ta’ LM95 kif ukoll kwart tal-ispejjez tal-istanti inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-31 t’Ottubru 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------